

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Ottubru 2009**  
— Bank Melli Iran vs Il-Kunsill

(Kawża T-390/08) <sup>(1)</sup>

*(“Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta’ fondi — Rikors għal annullament — Stħarriġ ġudizzjarju — Abbuż ta’ poter — Trattament ugwali — Proporzjonalità — Dritt ta’ proprjetà — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Obbligu ta’ motivazzjoni — Kompetenza tal-Komunità”)*

(2009/C 282/87)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Bank Melli Iran (Tehran, l-Iran) (rappreżentant: L. Defalque, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropej (rappreżentanti: M. Bishop, E. Finnegan u R. Liudvinaviciute-Cordeiro, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq (rappreżentanti: V. Jackson, aġent, assistit minn S. Lee, barrister); Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. De Bergues, L. Butel u E. Belliard, aġenti); u Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Aalto u E. Cujo, aġenti)

**Suġġett**

Annullament tal-punt 4 tat-Tabella B tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/475/KE, tat-23 ta’ Ġunju 2008, li timplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 163, p. 29), sa fejn jikkonċerna lill-Bank Melli Iran u lill-fergħat tiegħu.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Bank Melli Iran għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.
- (3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, ir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, inklużi dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 272, 25.10.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Settembru 2009**  
— SBS TV u SBS Danish Television vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-12/05) <sup>(1)</sup>

*(“Għajjuna mill-Istat — Kapitalizzazzjoni mill-ġdid ta’ xandar pubbliku wara l-ewwel deċiżjoni li ordnat l-irkupru ta’ għajjuna mill-Istat li kienet inkompatibbli — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Annullament tal-ewwel deċiżjoni — M’hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2009/C 282/88)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* SBS TV A/S, preċedentement TV Danmark A/S (Skovlunde, id-Danimarka); u SBS Danish Television Ltd, preċedentement Kanal 5 Denmark Ltd (Hounslow, Middlesex, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment, D. Vandermeersch, T. Müller-Ibold, K. Nordlander u H. Peytz, u sussegwentement D. Vandermeersch, H. Peytz u K.-U. Karl, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: N. Khan u M. Niejahr, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Viasat Broadcasting UK Ltd (West Drayton, Middlesex, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Hjelmberg u M. Honoré, avukati)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: J. Molde, aġent, assistit minn P. Biering, K. Lundgaard Hansen, avukati); u TV 2/Danmark A/S (Odense, id-Danimarka) (rappreżentanti: O. Koktvedgaard u M. Thorning, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni C (2004) 3632 finali tal-Kummissjoni, tas-6 ta’ Ottubru 2004, dwar il-kapitalizzazzjoni mill-ġdid ta’ TV 2/Danmark A/S.

**Dispożittiv**

- (1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- (2) Kull parti hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 69, 19.3.2005.